**11 ta' Novembru, 1997**

**Imhallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Eric Schembri u Paul Bezzina ghan-nom u in rappreżentanza ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited u M.I.B. Holding Co. Ltd.

*versus*

Lewis Baldacchino

## Klawsola Penali - Obbligu ta' Impjieg Wara li Jintemm Kors ta' Studju - *Pacta Sunt Servanda - Conditions of Employment (Regulation) Act*

*Is-soċjetà attriċi talbet penali talli l-konvenut ma ghamilx iż-żmien kollu fl-impjieg tieghu meta kellu stipulazzjoni kontrattwali illi kellu jahdem ghal perijodu wara li jispiċċa l-istudju.*

*Il-Qorti ta' l-Appell u l-Ewwel Qorti applikaw il-prinċipju* pacta sunt servanda *u illi klawsoli simili huma validi u giet ikkonfermata s-sentenza fejn intlaqghet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appella minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1993 li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fis-17 ta' Marzu, 1992, li bih l-atturi, fil-kwalità tagħhom hawn fuq imsemmija - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt iddatat 17 ta' Frar, 1986 (dok. A) il-kontendenti ftehmu illi l-konvenut kellu jsegwi kors ta' ħames snin fl-Università ta' Malta ta' B.A. Accountancy li beda fl-1986;

Premess illi tul il-perijodu ta' dan il-kors, il-konvenut kellu jibqa' jirċievi bħala *worker/student* salarju u *bonus* annwali;

Premess illi bħala kundizzjoni ta' dan il-ftehim, il-konvenut obbliga ruħu illi fit-terminazzjoni tal-kors huwa jkompli jaħdem mas-soċjetà attriċi għal mhux anqas minn sentejn u jekk jonqos milli jagħmel dan huwa jkollu jħallas lis-soċjetà attriċi terz tar-rimunerazzjoni li jkun tħallas suġġett għar-riduzzjoni *pro rata* ta' kull xahar sħiħ li jkun ħadem;

Premess illi l-konvenut, wara li spiċċa l-imsemmi kors, ħadem biss mas-soċjetà attriċi perijodu ta' erbatax-il xahar u nofs u b'hekk kiser l-imsemmija kundizzjoni tal-ftehim b'mod li llum għandu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija,

tlieta u sebgħin lira Maltija, tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm773.58,0) skond Dok. B a fol. 8 tal-proċess;

Premess illi l-konvenut ġie interpellat biex iħallas iżda baqa' inadempjenti;

Talbu lil din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' seba' mija, tlieta u sebgħin lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm773.58,0) dovuti minnu kif hawn fuq spjegat billi huwa naqas li jkompli jaħdem għal mhux inqas *minn sentejn mas-soċjetà attriċi* wara *t-terminazzjoni tal-kors* ta' studju tiegħu;

Bl-imgħaxijiet min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Ottubru, 1991 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-5 ta' Ġunju, 1992 li biha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, fil-mument materjali tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu, l-eċċipjent ma kellu l-ebda relazzjonijiet ġuridiċi mas-soċjetà attriċi Mediterranean Insurance Brokers Limited, iżda mas-soċjetà MIB Holdings Co. Ltd., u *għaldaqstant l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-*osservanza tal-ġudizzju minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*;

Illi, fil-meritu, u mingħajr l-ebda preġudizzju għall-fuq eċċepit, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta minn dina l-istess Onorabbli Qorti bl-

ispejjeż kontra l-atturi *nomine*, u dana għaliex il-klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' servizz in kwistjoni kontenenti 'l hekk imsejjaħ obbligu kuntrattwali ta' l-eċċipjent versu l-atturi *nomine* huwa null u mingħajr l-ebda effett fil-liġi stante illi tmur kontra d-disposizzjoni ta' l-artikolu 27A tal-*Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952*, liema artikolu tal-liġi huwa fin-natura ta' ordni pubbliku u għaldaqstant l-istess klawsola mhix esegwibbli fil-konfront ta' l-eċċipjent;

Illi di più, u f'każ illi kellu jiġi ritenut minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' servizz in kwistjoni mhuwiex null u mingħajr l-ebda effett fil-liġi skond kif fuq eċċepit, jiġi eċċepit illi l-atturi *nomine* qatt ma esiġew mingħand l-eċċipjent illi l-istess eċċipjent jibqa' jservihom għal perijodu ta' sentejn oħra mit-terminazzjoni tal-kors tiegħu u għaldaqstant l-istess klawsola qatt ma ġiet in vigore fil-konfront ta' l-istess eċċipjent;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Mejju, 1993, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Id-ditta attriċi ta' assigurazzjoni qed titlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' somma minnu dovuta talli naqas li jadempixxi l-obbligi tiegħu kuntrattwali taħt il-*Contract of Service Agreement - Worker Student*, iffirmat bejniethom fis-17

temm il-kors li dahal ghalih b'suċċess;

Jirriżulta infatti mill-provi illi l-konvenut baqa' jahdem ghall-perijodu ta' erbatax-il xahar u nofs miż-żmien ta' sentejn li hu kien intrabat li jservi mad-ditta attriċi skond il-klawsola 12 tal-ftehim. Din il-klawsola li hi l-pern tal-vertenza bejn il-kontendenti jixraq li tiġi riprodotta *verbatim* b'sottolinear utili tal-Qorti:

"*The Employee undertakes to serve the Employer on successful completion of the course for a period of two years therefrom, if the Employer so demands. If such period of service is demanded but not performed for any reason, the Employee shall be liable to pay to the Employer a sum equal to one third of the remuneration dispensed by the Employer subject to a pro rata reduction for each completed month of same*";

*Jiġi premess qabel xejn:*

Li ma hemmx kontestazzjoni mill-konvenut dwar il-premessa ta' l-attur *nomine* illi huwa kien inadempjenti skond il-ftehim fis-sens illi hu telaq mill-impjieg tad-ditta attriċi qabel l-eghluq tas-sentejn;

Li ma ġiet avvanzata l-ebda raġuni mill-konvenut li s-soċjetà attriċi kienet inadempjenti fir-rigward tieghu fit-termini ta' l-istess ftehim;

Li lanqas hemm kontestazzjoni illi jekk it-talba attriċi timmerita li tiġi milqugha, l-ammont kalkolat lilha dovut mill-konvenut hu dak mitlub kif stabbilit fl-ittra taghha tat-28 ta' Awissu, 1991;

Il-Qorti tgħaddi allura biex teżamina l-eċċezzjonijiet tal-konvenut biex tistabbilixxi jekk dawn jinnewtralizzawx it-talbiet attriċi li altrimenti jirriżultaw ippruvati u ġustifikati;

Tiddisponi l-ewwelnett mit-tieni eċċezzjoni li hi ta' faċili spedizzjoni in kwantu tirrisolvi ruħha fuq kwistjoni ta' fatt. Il-konvenut jikkontendi li l-atturi *nomine* "qatt ma esiġew mingħand il-konvenut li (hu) jibqa' jservihom għall-perijodu ta' sentejn". Hu għalhekk isostni li l-klawsola 12 qatt ma ġiet *in vigore* fil-konfront tiegħu. Mhux hekk juru l-provi. Il-Qorti hi sodisfatta illi l-*Management* għamilha ċara mal-konvenut meta hu intimahom bil-miktub li ma jridx ikompli fix-xogħol illi kien jistenna li hu jonora l-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt u li jekk jippersisti fid-deċiżjoni tiegħu hu kien ser jesiġi mingħandu l-ħlas tal-penali. Mhux biss hemm ukoll il-prova - mhux kontradetta mill-konvenut - illi l-*Management*, fid-diskussjonijiet li kellu miegħu ħa l-impressjoni li ma kienx qed jikkontesta li kellu jirrifondi l-ammont b'din il-kawża reklamat kieku kellu jitlaq mix-xogħol. Dan jirriżulta mill-minuta ta' l-14 ta' Diċembru, 1992: "*He did not give any indication that he was questioning his liability to refund his eduction (or) fees in full*". Forsi mhux prova konklussiva ta' l-ammissjoni tal-konvenut, imma ċertament prova soddisfaċenti illi l-*Management* ippretenda mingħand l-istess konvenut li jonora l-obbligi tiegħu kontrattwali. Sa hawn hu ppruvat li "esiġew" u mhux meħtieġ xejn aktar minnhom bħala prova fir-rigward;

L-eċċezzjoni l-oħra prinċipali tal-konvenut hi waħda legali fil-meritu. Jikkontendi illi l-klawsola 12 tal-ftehim fuq ċitata "hija nulla u bla effett fil-liġi stante illi tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27A (allura 26 tal-Kodiċi Rivedut) taċ-CERA. Nullità li, kif sottomess waqt it-trattazzjoni tal-kawża, hi bbażata fuq il-presuppost li l-klawsola hija waħda penali u li skond dan l-artikolu ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ma jistgħux jiġu mposti sakemm

"*il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak ma jkunx ġew approvati minn* qabel mid-Direttur tax-Xogħol". Approvazzjoni li bl-ebda mod jidher li ġiet mitluba u wisq anqas mogħtija f'dan il-każ. Il-konvenut jargumenta b'ċerta ġustifikazzjoni illi dawn il-provvediment taċ-CERA huma ta' ordni pubbliku u li ma tista' ssir l-ebda deroga minnhom lanqas tramite l-volontà tal-kontraenti;

L-eċċezzjoni tal-konvenut però ma treġġix għal dawn ir-raġunijiet:

Il-Kap. 135 jeskludi mill-provvedimenti tiegħu kuntratti bejn min iħaddem u min jaħdem intiżi għat-taħriġ tal-ħaddiem. Dana proprju fit-tifsiriet fit-tieni artikolu tiegħu tal-frażi "Kuntratt ta' Servizz" li "tfisser ftehim sew jekk bil-fomm jew bil-miktub ... u bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil min taħdem għal prinċipal ... <u>imma ma tfissirx ftehim ta' taħriġ</u>";

Bħala konsegwenza ta' din l-esklużjoni fid-definizzjoni ta' "Kuntratt ta' Servizz", min ikun qed isegwi attività taħt "ftehim *ta' taħriġ" hu anke <u>eskluż</u> mid-definizzjoni ta' "impjegat" fl-*istess Att fil-limiti tat-tifsira ta' "persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt Kuntratt ta' Servizz";

L-uniku każ fejn "impjegat" taħt iċ-CERA hu meqjusa "li tinkludi persuna li tkun marbuta bi ftehim ta' taħriġ" hu dak kontemplat fl-artikolu 29 dwar il-ħlas ta' *Bonus*;

Il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju u jidhrilha li hu ovvju illi n-natura tal-*Contract of Service* bejn il-konvenut u d-ditta attriċi kien wieħed ta' taħriġ. Anke jekk hu kien fih element sekondarju ta' xogħol, dan ma kienx intiż fih innifsu bħala rendiment ta' opera favur min iħaddem imma biss bħala mezz ta' istruzzjoni biex jikkompleta fil-prattika l-parti teorika tal-

**kors** li ntrabat li jsegwi l-konvenut. Dan hu immedjatament **apparenti** anke minn qari superfiċjali tal-ftehim li jagħmilha **ċara** li "*The Employee undertakes to followa a "theoretical course" leading to BA Accountancy ...*". L-enfasi kollu tal-ftehim hu fuq it-taħriġ. L-interessament tas-soċjetà attriċi hu fit-tagħlim u preparazzjoni ta' l-istudent għax-xogħol u mhux fix-xogħol innifsu. Il-*quid pro quo* għal dan l-interessament mill-istudent - konvenut - hu manifestament li jsegwi l-istudju bid-debitu impenn li wara li jkun iggradwa jagħti almenu sentejn servizz f'impjieg regolari ma' min ikun sponsorjah. Żmien dan ta' l-aħħar li hu indubbjament regolat mill-provvedimenti taċ-CERA u hu nfatti eskluż mill-ftehim odjern fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' l-impjieg imma mhux fir-rigward tar-rabta li jagħti servizz tiegħu għal sentejn;

Jiġi enfasizzat li din ir-rabta li taħdem għal sentejn mhijiex, kif donnu qed jissuġġerixxi l-konvenut, xi limitazzjoni fil-kuntratt ta' xogħol proprju tiegħu mas-soċjetà attriċi, imma hu biss il-korrispettiv li l-konvenut intrabat li jagħti in kambju għall-borża di studio u assistenza finanzjarja lilu mogħtija bil-*contract of service* taħt il-*Worker/Student Scheme*. Korrispettiv li l-ftehim ġustament jiggarantixxi bis-sanzjoni finanzjarja fil-klawsola 12 kontra l-inadempjenza tal-konvenut. Dan hu rifless ukoll fil-fatt illi l-klawsola "penali" tkopri biss il-perijodi ta' ħames snin tal-kors u l-ammont dovut hu kkalkolat biss fuq ir-"rimunerazzjoni" li tkun ħallset is-soċjetà attriċi lill-konvenut f'dan il-perijdou u mhux fuq il-paga li beda jirċievi meta daħal fix-xogħol regolari magħha;

Japplikaw, fil-każ in eżami, allura l-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju, 1993, fl-ismijiet **John Agius B.Sc.** *vs* **Direttur ta' l-Edukazzjoni**, li biha l-Qorti ssanzjonat il-valur tal-klawsola ta' penali simili għal dik odjerna anke fil-każ fejn okkorrew ċirkostanzi ta' *force majeure* minħabba mard. *A fortiori* allura hi

valida fil-każ preżenti fejn il-konvenut ma avanza l-ebda skużanti għall-inadempjenza tiegħu, salv l-interess tiegħu li jkompli l-istudju ulterjorment band'oħra. Dik il-Qorti hekk irriteniet:

"Għalhekk l-ewwelnett b'referenza għall-bran ċitat mis-sentenza **Camilleri** ***vs*** **Holt** (App. Ċiv. 29 ta' Mejju, 1967) safejn rilevanti għall-każ preżenti, għandu jingħad li hawn jirrikorri "kliem espress u intenzjoni ċara tal-partijiet u fit-tieni lok li in prinċipju ma hemm xejn fil-liġi kontra li d-debitur jobbliga ruħu kontrattwalment b'mod li l-forza maġġuri ma tilliberahx mill-konsegwenza ta' l-inadempjenza tiegħu". Prinċipji aktar u aktar applikabbli għall-każ preżenti fejn forza maġġuri ma kienx hemm;

Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla, diversament presjeduta, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju, 1989, fil-kawża fl-ismijiet **Henry Degabriele** ***nomine vs*** **Joseph Pullicino**, kawża b'ċirkostanzi analogi;

Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu - ċjoè ir-*rationalis principium* huwa li *pacta sunt servanda*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi kif dedotta;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut. Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza kanonizzata mid-data tan-notifika lill-konvenut ta' l-att taċ-ċitazzjoni sad-data ta' l-effettiv pagament";

Minn dik is-sentenza appella l-konvenut permezz ta'

petizzjoni li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati *nomine*;

L-appellati ppreżentaw risposta li tinsab inserita fl-atti proċesswali li biha ssottomettew ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż;

In linea ġenerali, l-appellant qed jikkritika s-sentenza appellata fis-sens li, skond hu, għamlet żewġ konsiderazzjonijiet bażilari żbaljati billi kienet erronea fid-deċiżjoni tagħha illi skond hi ġie ppruvat li l-atturi appellati kienu esiġew is-servizzi tal-konvenut appellant *ai termini* tal-klawsola 12 tal-kuntratt bejnhom u b'hekk iddisponiet mit-tielet eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut appellant. Fit-tieni lok jikkritika ukoll lill-Ewwel Qorti billi, skond hu, ma kkunsidratx il-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala kuntratt ta' servizz, iżda għall-kuntrarju, ikkunsidratu bħala ftehim ta' taħriġ, u b'hekk iddisponiet mit-tieni eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut appellant;

Din il-Qorti se tibda bl-ewwel aggravju ta' l-appellant. L-appellant jadduċi sensiela sħiħa ta' argumentazzjonijiet u sottomissjonijiet in sostenn tat-teżi tiegħu, illi d-ditta attriċi qatt ma esiġiet mingħandu li jagħti s-servizz. Dawn is-sottomissjonijiet ġew eżaminati minn din il-Qorti kif sottomessi fil-petizzjoni ta' l-appell u kif elaborati fil-kors tat-trattazzjoni u l-konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija illi essenzjalment l-appellant qiegħed jipprova jadduċi ħafna argumenti kontra dak li fil-fehma tagħha jidher illi huwa aktar minn ovvju. Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant infatti huma diretti biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi huwa qatt ma ġie mitlub mid-ditta attriċi li jippresta s-servizzi tiegħu wara li

kkonkluda l-*course* fl-Università, argument, però, li din il-Qorti diffiċilment tifhmu stante li kif appena ottjena l-lawrija tiegħu l-appellant ġie ingaġġat jaħdem, jippresta s-servizzi tiegħu mas-soċjetà attriċi u ta' dan jitħallas. Bl-argument ta' l-appellant, din il-Qorti speċi qed tiġi mħajra tiddeċiedi illi hu ppresta dawn is-servizzi mingħajr ma ġie mitlub u indipendentement minn jekk is-soċjetà attriċi riditux fl-impjieg jew le. Sottomissjoni din li, bir-rispett kollu, ma tagħmilx sens il-għaliex iċ-ċirkostanzi kollha, kif sewwa spjegati u elaborati fis-sentenza appellata, ma jħallu ebda dubbju dwar jekk is-soċjetà attriċi talbitx lill-appellant jew esiġitx minnu illi jaħdem. Din il-Qorti, bħall-ewwel waħda, hija kompletament sodisfatta illi, għalkemm ma jeżisti ebda dokument f'dan is-sens, iċ-ċirkostanzi huma tali illi ma jħallux dubbju dwar dan. Jidher ovvju illi mat-tmiem tal-kors fl-Università, fit-termini tal-kuntratt, il-kumpannija ppretendiet mill-ewwel u baqgħet tippretendi illi hu jippresta s-servizzi tiegħu skond il-kuntratt għall-perijodu stipulat ta' sentejn u li appena huwa ta n-*notice* kkonfermat din il-volontà tagħha immedjatament, kif hemm spjegat fis-sentenza appellata. Għalhekk dan l-ewwel aggravju, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistax anqas lontanament jiġi akkolt;

Kwantu jirrigwarda t-tieni aggravju, l-appellant jerġa' jsostni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet illi l-kuntratt stipulat bejn il-kontendenti kien wieħed ta' taħriġ u mhux wieħed ta' impjieg. In sostenn ta' din is-sottomissjoni l-appellant jikkontendi illi kuntratt ta' taħriġ huwa essenzjalment *a contract of apprenticeship* u billi l-*Oxford Dictionary* jiddefinixxi *apprentice* bħala *learner of a craft*, allura qegħdin nitkellmu fuq apprentist li jitgħallem sengħa mentri fil-każ tiegħu hu ma kienx tgħallem sengħa imma xi ħaġa oħra li mhijiex sengħa. Bir-rispett kollu ukoll, anke din is-sottomissjoni hija mġebbda b'tali mod u manjiera illi din il-Qorti ma tħossx illi għandha taħli wisq żmien fuqha. Is-sentenza appellata żvolġiet dan l-aspett *funditus* u sjegat għaliex, fil-

fehma taghha, dan kien sempliċement u purament kuntratt ta' taħriġ u din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti fis-sentenza appellata liema konklużjonijiet qiegħda tagħmel tagħha r-raġonamenti relattivi;

Ġiet ukoll ċitata xi ġurisprudenza partikolarment is-sentenza in re **Degabriele** ***nomine vs*** **Pullicino**, tal-11 ta' Lulju, 1989, mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li din il-Qorti eżaminat u ssib li tippreżenta fattispeċje differenti u li fi kwalunkwe każ mhijiex tali li tbiddel il-konklużjoni li qed tasal għaliha;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-każ huwa wieħed sempliċi u jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju *pacta sunt servanda* mingħajr l-iċken ombra ta' dubbju illi l-ftehim seta' kien illegali;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant.